MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 49

27 ta' Lulju 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.32pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* fil-ħin. Il-Perit Schembri daħal ftit wara 5.33pm. Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet talba.

## 49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

49.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

49.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 48 ġew approvati.

## 49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

49.3.1 *Festa Santa Marija*

Is-Sur Cordina qal li ilha ma ssir il-festa sentejn u hemm ċertu talbiet bħas-soltu siġġijiet, festini, *meters* tad-dwal, gwardjani lokali u għalhekk talab li dawn jiġu approvati bħas-soltu. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

49.3.2 *Tindif Pjazza*

Is-Sur Cordina qal li nġabet kwotazzjoni sabiex titnaddaf il-pjazza għal prezz ta' €2175.92. Qal li x-xogħol jikkonsisti fi tqaxxir ta' 2mm tal-wiċċ, jintefa' xi *degreaser* biex jitnaddaf il-wiċċ u jintefa' xi *lacquer* biex ma jippenetrawx iż-żjut u wara jkun jista' jitbajjad il-ħajt li ilu ma jara żebgħa mill-1998. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s'issa ma nstabx min jagħmel l-istess xogħol sabiex ikollhom tliet kwotazzjonijiet imma s-Sindkiu qal li ħa jipprova jsib iktar. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

49.3.3 *Imejl mingħand xi residenti fi Triq il-Mitħna*

Is-Sur Cordina qal li rċieva ilment mingħand residenti minħabba l-istat ta' Triq il-Mitħna li iktar ma jgħaddi żmien iktar qed timtela' bi ħmieġ tal-klieb. Qal li baqa' magħhom li ħa jitwaħħlu xi tabelli wara li jinġab il-permess tar-residenti li magħhom jew quddiemhom iridu jeħlu. Issuġġerixxa li din it-triq flimkien ma' Triq San Duminku titnaddaf bil-bawżer darba fil-ġimgħa wara li jsir il-knis regolari.

Is-Sur Bonnici ikkonferma l-istat ta' din it-triq. Is-Sur Cordina qal li qed jissuġġerixxi wkoll li ssir fis-Sajf biss minħabba li fix-xitwa l-irwejjaħ jittaffew bix-xita. Ġab ukoll kwotazzjoni għat-tindif imma mhux bid-diżinfertant minħabba li hemm min għandu l-bjar u din tammonta għal €190-200.

L-Avukat Brincat qal għandhom isiru tabelli li jindikaw li hemm multi abbinati ma' nuqqas ta' żamma ta' ndafa. Is-Sindku wera xi *samples* ta' tabelli *leash and clean up after your dog, it's the law you are being watched.* L-Avukat Brincat kompla li jħossha vera *unfair* li l-Kunsill għandu jeħel spejjeż biex inaddaf dawn it-toroq minħabba l-egoiżmu ta' dawn in-nies. Qal ukoll li għandhom jittieħdu filmati, jiġu identifikati u mqar tingħatalhom ittra ta' *warning.* Is-Sur Cordina qal li tista' titkellem ma dawn in-nies imma jew jagħtu kasek jew jibgħatuk tixxejjer. Spega wkoll id-diffikultà li jsiru cameras minħabba li wieħed irid jitla' jixhed. Fil-fatt l-Avukat qal li dawn għandhom isiru privatament u jkunu r-residenti li javviċinaw il-Pulizija ġaladarba jridu l-għajnuna imma ma jistawx ma jagħmlu xejn. Is-Sur Cordina qal li jekk tinħareġ xi tip ta' skema mir-Reġjun, isiru dawn il-*cameras* u jsir arranġament mal-LESA biex jiġu ssorveljati minnhom. Hu fil-fatt ħa jissuġġerixxi dan waqt il-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

Il-Perit Schembri talab biex jindagaw eżatt x'tgħid il-liġi. Is-Sur Cordina u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li hemm il-Litter Act. Il-Perit Schembri qal li f'Birkirkara meta kien jiġri hekk missieru kien imur bil-filmat għand il-Pulizija. Qal li jaqbel mal-bawżer imma jibża' li jsir iktar abbuż u għalhekk li għandu jsir xi forma ta' *Neighbourhood Watch* u jsir *show* bih.

Is-Sur Cordina qal li huma mhumiex lesti joqgħodu jitilgħu qrati u naturalment bħal ma gara fil-każ tal-*bring-in site* ta' ħdejn l-iskola wara li Greenpak xebgħu jitilgħu il-Qorti meta kienu jaqbdu lil xi ħadd jarmi mal-*bring-in* sites, żarmaw kollox. Il-Pulizija bil-vetturi tieħu azzjoni fuq *dumping* imma biex jitilgħu xhud hu jew is-Segretarju żgur ma jistax.

Is-Sur Bonnici qal li kieku tajjeb li l-ewwel isiru it-tabelli. Is-Sinjuri Mangion u Scerri qalu li l-karti ntbagħtu bosta madwar ir-raħal imma ħadd jew ftit jagħtu każhom.

L-Avukat Caruana qalet li taqbel li għandha titnaddaf però tibża' li toħloq precedent. Is-Sur Cordina qal li jaqbel però t-triq hi waħda dejqa u għalhekk l-irwejjaħ huma penetranti kumparati ma' toroq oħra. Hi ssuġġeriet li jsiru tabelli u flok tinħasel darba fil-ġimgħa tinħasel darba fi ħmistax.

Is-Sur Victor Galea qal li jaqbel imma jissuġġerixxi wkoll li ssir ronda minn Puliżija pajżana. Is-Sur Cordina qal ukoll li digà maqbul li ssir ronda mill-Community Police u jifhem li hemm id-diffikultajiet minħabba li l-abbużi jsiru f'ħinijiet varji saħansitra fl-erbgħa ta' filgħodu.

Il-Perit Schembri qal ukoll li għandha tintalab għajnuna anka lill-Ministeru tal-Ambjent. Is-Sur Cordina qal li meta ssir talba għall-*cameras* biex tinżamm l-indafa, din titlaq mir-Reġjun għall-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli u tgħaddi wkoll għand il-Ministeru. Għalhekk jemmen li għajnuna sa jkun hemm dejjem anka minħabba l-fatt li dawn huma problemi komuni fil-Kunsilli Lokali li jitqajjmu kważi dejjem waqt il-laqgħat tas-Sindki. Qal li hemm anka ftehim mal-*Cleansing Department* bħal meta ġew inaddfu l-Pjazza u xi ġonna imma sfortunatament dan it-tindif fit-toroq ma jistax isir. Kulħadd qabel li jsir tindif darba fi ħmistax.

49.3.4 ***Gbir ta' Skart 2015***

Is-Sindku nforma l-Kunsill Lokali li fl-2015 kienet inħarġet sejħa għall-offerti u kien inqala' każ fejn ġew iffalsifikati xi dokumenti. L-Avukat Brincat qal li dan il-każ ġie konkluż il-bieraħ. Hu qal li l-Kunsill ħareġ bi *flying colours* li juri tmexxija serja. Hu rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tallli kienet hi li nnutat dan id-dokument u tal-kummenti pożittivi min-naħa tar-residenti.

## 49.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

49.4.1 Is-Sur Giorgio Mario Schembri

- Saqsa fuq ix-xogħolijiet ta' Wied Irmiedi. Hu qal li jemmen li x-xogħol irid isir imma kull darba li jitfgħu l-ilma biex itaffu mit-trabijiet dan jiġi tajn. Hu qal li hemm sezzjoni fit-tender ta'regolamentili jgħidu li jridu jżommu s-sit nadif. Hu qal li mhux qed jitlob biex il-Kunsill inaddaf imma biex jintervjeni qabel ma tiġi Santa Marija, jieqfu mix-xogħolijiet u jħallu kollox kif inhu. Talab biex il-Kunsill jinforma lill-Infrastructure Malta.

- Tkellem ukoll fuq Triq Oliver Agius li hi *one-way* miż-żewġ naħat u allura dan il-fatt jista' jkun kawża ta' nċident ta' *head on collision.* Xtaq jiċċara jekk l-*Except for residents* hix għar-residenti ta' Ħ'Attard għax jekk jinqala' incident jista' jiżgwida lin-nies. Is-Sur Cordina qal li dawn it-tabelli saru minn Infrastructure Malta u t-tabelli saru għan-nies t'Oliver Aguis imma l-oħrajn ta' Xarolla, Ferdinandu Inglott, Tumas Chetcuti wkoll huma residenti ta' Ħ'Attard bħal ma huma l-kumplament tan-nies ta' Ħ'Attard u jifhem li għandhom dritt jgħaddu wkoll. Hu ċċara li dawn saru minn IM u t-talba saret dirett lill-TM minn IM u fl-ebda ħin ma kien involut il-Kunsill.

49.4.2 Is-Sur Remigio Bartolo

- Talab biex jagħmel *update* fuq Gela. Hu qal li l-lukandi ġew iffinalizzati u kulħadd ippustjat u se jkun hemm *leader* f'kull Lukanda peress li dawn qegħdin viċin xulxin biex ilaqqgħu il-gruppi. Kompla jgħid li ntbagħat *Memorandum of Understanding* u qed jistenna l-verżjoni tagħhom. Tkellem ukoll fuq il-vaċċin li jista' jkun hemm bżonn *swab test* qabel jidħlu Malta imma dak jarawh iktar il-quddiem u kkonkluda li n-nomini għal Ġieħ Ħ'Attard ħarġu.

## 49.5 Rapporti

49.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 49.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

49.6.1 Is-Sur Cordina qal li se jinħarġu żewġ tenders oħra Irranġar ta' Ġnien tal-Fuklar u Ġnien il-Palma. Il-fondi ta' Ġnien tal-Fuklar se jinħarġu kollha minn Parks Malta u dawk ta' Ġnien il-Palma se jinħarġu taħt l-Urban Greening Scheme b'ammont ta' € 300,000 minn Ambjent Malta. Hu għamilha ċara li mhux se tintmiss l-ebda siġra.

49.6.2 Qal ukoll li ġie konkluż il-proċess t'evalwazzjoni tal-Contracts Manager u l-irħas offerta hi dik ta' Synthesis Management wara li jgħaddu l-10 t'ijiem t'appell.

## 49.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

49.7.1 Il-pagamenti ġew approvati b'Remigio Bartolo Proponent u Connie Scerri Sekondanta.

## 49.8 Mozzjonijiet; u

49.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 49.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

49.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.10pm u ġiet aġġornata għall-24 ta' Awwissu 2022 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 24 ta' Awwissu 2022.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv